## KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ

**AGENDA NUMRU 34 – 1 ta' Lulju 2010**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija u saret Agenda 34. Il-laqgha bdiet fis-7 ta' filghaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Dominic Cutajar | Viċi Sindku |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | Mario Borg | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Rosario Cortis | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | Joe Ciantar | Kunsillier |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku: Ma kien hemm l-ebda rapprezentant tal-pubbliku prezenti.

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' agenda 33 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. Is-Sindku Alfred Grixti gibed l-attenzjoni li l-Kunsillier Joe Ciantar li kien skuzat kellu xi korrezjonijiet li kien se jressaqhom f' ismu l-kunsillier Rosario Cortis. Ghal din ir-raguni s-Sindku talab li l-Kunsill ikompli bl-agenda u japprova l-minuti meta jigi l-Kunsillier Rosario Cortis. Kien hemm qbil li jsir hekk.

## 2. HWEJJEG LI JOHORGU MILL-MINUTI

2.1. Il-Kunsillier Mario Borg ghamel referenza ghal punt 8.1 tal-minuti dwar tisbieh taz-zona ta' Hal Mula permezz ta' fondi tal-Urban Improvement Fund. Huwa talab li jkun jaf x' kien sar f' dan ir-rigward. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li kien jidher li fiz-zona msemmija hemm telqa generali u l-Kunsill kien ilu kwazi zewg legislaturi ma jaghmel ebda xoghol hemm. Is-Sindku spjega li hu flimkien mal-Vici Sindku Dominic Cutajar u s-Segretarju Ezekuttiv kienu ghamlu site inspections mal-kuntratturi tal-knis u s-soft areas sabiex jaraw kif tigi eliminata t-telqa msemmija. Is-Sindku kompla jghid li l-pass li jmiss kien li l-perit tal-kunsill jipprepara rapport sabiex abbazi tieghu l-kunsill japplika ghall-fondi tal-Urban Improvement Fund.

2.2. Il-Kunsillier Mario Borg talab li jinghata kopja tal-iskeda tal-knis.

2.3. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li kien sar ezercizzju fejn gew identifikati dawk it-toroq fiz-zona ta' Hal Mula li kellhom bzonn ta' resurfacing u dawn gew inkluzi fl-applikazzjoni tal-iskema tal-Public Private Partnership.

2.4. Il-Vici Sindku Dominic Cutajar ghamel referenza ghal laqgha li saret mal-spettur Cachia u l-Ufficjal Awtorizzat dwar numru ta' problemi fosthom il-varji trailers u vetturi kbar ipparkjati f' toroq residenzjali. Il-Kunsillier Philip Said ghamel referenza ghat-trailer fi triq l-Eroj. Il-Vici Sindku kkonferma li dan it-trailer gie rrapurtat matul din il-laqgha anke permezz ta' ritratti.

2.5. Il-Kunsillier Emanuel Agius ghamel referenza ghal punt 4.10 tal-minuti u talab li jkun jaf jekk is-servizz tal-wireless internet fi Triq Sciortino kienx beda jopera. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dan is-servizz kien ghadu ma bediex.

2.6. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li jkun jaf jekk l-iskeda dwar is-suggetti diskussi fil-Kunsill kienitx saret. Is-segretarju wiegeb li din ma kienitx lesta.

2.7. Il-Kunsillier Philip Said ghamel referenza ghal punt 5.1 tal-minuti u talab li jkun jaf kienx hemm xi zviluppi fuq Triq il-Buskett. Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-Kunsill kien ghadu qieghed jistenna l-WSC tohrog l-ordni tax-xoghol ghat-tqeghid tas-sistema tas-sewage f' din it-triq. Is-Sindku kkonferma li l-WSC ikkonfermat li hija kienet se thallas ghal dan ix-xoghol izda milli jidher kien jezisti xi period contract halli jaraw lil min jassenjaw dan ix-xoghol.

2.8. Il-Kunsillier George Cortis irringrazzja lill-Kunsill tal-impenn u l-hidma fuq l-inizjattiva tal-Imnarja. Huwa qal li l-Kunsill kien mar tajjeb hafna u kien ircieva hafna tifhir. Is-Sindku kkonferma dak li qal il-Kunsillier Cortis. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li jkun jaf kemm kienet giet tiswa l-armar tal-stand tal-Kunsill. Is-Sindku wiegeb li kien sar ftehim fuq is-somma ta'

€700 hekk kif kien iddecieda l-Kunsill. Ma' dawn kien hemm 18% li, naturalment, jithallsu mill-Kunsill ghal VAT.

2.9. Il-Kunsillier George Cortis fakkar lill-Kunsill dwar il-bus shelter tal-pjazza. Huwa esprima d-dizappunt tieghu li kien ghadda hafna zmien u ghalkemm kien hemm decizjoni tal-kunsill kien ghadu ma sar xejn.

2.10. Il-Kunsillier George Cortis ressaq ilment dwar sigra f' Hal Mula li kienet ghamlet xi hsara f' bir ta' residenta. Is-Sindku u s-Segretarju spjegaw li kienu jafu bil-kaz u ghamlu r-rapporti necessarji mal-MEPA izda dawn kienu wiegbu li ma kienx hemm provi bizzejjed li l-gheruq fil-bir kienu tas-sigra msemmija.

2.11. Il-Kunsillier George Cortis talab li tinghata tindifa tajba fi Triq Pawlu Balzan.

2.12. Il-Vici Sindku Dominic Cutajar ikkummenta li l-Kunsilliera m' ghandhomx joqghodu jistennew il-laqgha tal-Kunsill biex idahlu dawn ir-rapporti. Huwa spjega li wiehed jista jaqbad u jcempel u l-ilment isir dirett lill-staff sabiex l-ilment jigi processat bla dewmien. Il-Vici Sindku kompla jghid li huwa hekk jaghmel u jaf kunsilliera ohra li jaghmlu hekk u mbaghad jekk ikun hemm bzonn jitolbu follow up ta' dak li sar fuq ir-rapport fil-laqgha tal-Kunsill.

2.13. Il-Kunsillier Duncan Bartolo nforma lill-Kunsill li fi ftit zmien kienu se jircievu r-rizultati dwar l-applikazzjoni ghal-progett tal-Kunsill Lokali taz-Zghazagh. Huwa ghamel referenza ghall-attivita li se tigi organizzata ghall-partecipanti ta' dan il-progett. Il-Kunsillier Bartolo talab li l-Kunsill jiehu decizjoni fuq budget ghal din l-attivita.

2.14. Il-Kunsillier Rosario Cortis dahal ghal-laqgha fis-7.35pm.

2.15. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex ghall-attivita organizzata ghal-partecipanti tal-Kunsill Lokali taz-Zghazagh il-Kunsill joffri budget ta' €15 ghal kull persuna ghal 12 il-persuna. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Duncan Bartolo. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Emanuel Agius, George Cortis, Rosario Cortis u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-Mozzjoni giet approvata b' mod unanimu. (47)

2.16. Il-Kunsillier Rosario Cortis ressaq il-korrezzjonijiet tal-Kunsillier Joe Ciantar.

Pagna 199, punt 2.1, is-sentenza; “Il-Kunsillier Joe Ciantar ghamel referenza ghall-inizjattiva li se jiehu l-Kunsill f’ okkazjoni tal-anniversarju mill-mewt ta’ Dun Karm u pprezenta lill-Kunsill *file* b’ artikli minn diversi gazzetti relatati ma’ attivita’ li kienet saret mill-kunsill civiku” tinbidel u tigi; “Il-Kunsillier Joe Ciantar ghamel referenza ghall-inizjattiva li se jiehu l-Kunsill f’ okkazjoni tal-anniversarju mill-mewt ta’ Dun Karm u pprezenta lill-Kunsill *file* b’ artikli minn diversi gazzetti relatati mat-twaqqif ta’ monument f’ gieh Dun Karm Psaila fi triq Sciortino, li kien sar mill-kunsill civiku li tieghu Joe Ciantar kien president”

Pagna 200, punt 2.4, is-sentenza; “Il-Kunsillier Joe Ciantar informa lill-Kunsill li z-zjara organizzata mill-kumitat tieghu marret tajjeb u n-nies hadu gost#2 tindibel u ssir; “Il-Kunsillier Joe Ciantar informa lill-Kunsill li z-zjara ghal Ghawdex organizzata mill-kumitat tieghu marret tajjeb u n-nies hadu gost”

Pagna 200, punt 2.4, tizdied is-sentenza “Joe Ciantar ghadda lill-kUnsill Zebbug Malta l-medalja li giet accettata mill-Kunsill” wara s-sentenza; “Il-Kunsillier Ciantar ipprezenta xi materjal promozzjonali u turistiku li l-grupp kien inghata Ghawdex kif ukoll midalja li giet ipprezentata mis-Sindku taz-Zebbug Ghawdex”.

Pagna 2001, punt 2.4 tizdied il-frazi “minhabba indisposizzjoni” fl-ahhar tal-paragrafu.

2.17. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti ta’ agenda 33 jigu approvati hekk kif emendati. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Rosario Cortis. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Emanuel Agius, George Cortis, Rosario Cortis u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

.

Il-Minuti ta’ Agenda 33 gew approvati. (48)

**3. KORRISPONDENZA**

3.1. Il-Kunsillier Philip Said talab li jkun jaf b’ liema sistema tigi filed il-korrispondenza specjalment l-emails. Is-Segretarju wiegeb li l-

korrispondenza kollha tigi rregistrata filwaqt li jigu inkluzi dawk l-emails li jitqiesu mportanti u mhux l-emails kollha.

3.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li jsir kalendarju tal-attivitajiet tal-Kunsill.

3.3. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li kellu korrispondenza mas-sindku ta' Agira l-Ing Gaetano Giunta fejn giet espressa x-xewqa li jerga jigi attivat il-gemellagg li kien ghoddu spicca fix-xejn. Ghal dan il-ghan huwa kien qieghed jissuggerixxi sabiex tinbaghat delegazzjoni tal-Kunsill sabiex taghmel tahdidiet minn qabel filwaqt li l-Kunsillier Borg jaghmel il-hidma necessarja sabiex jingiebu fondi ghall-iffirmar tal-gemallagg. Is-Sindku kien qieghed jissuggerixxi li din id-delegazzjoni tkun maghmula minnu, l-Vici Sindku, il-Kunsillier Mario Borg u s-Segretarju Ezekuttiv. Kien hemm qbil dwar dan.

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-vot tal-flus ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

| **Proposta ta' Vot ta' flus sabiex jigi approvat skond Agenda Nru 34** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| **Lil Min** | **Invoice No** | **Date** | **Ammont / €** | **Servizz** |
| | | | | |
| Marvic & Sons | 06/2010 | 30/06/10 | 7,667.53 | Gbir ta' Skart Gunju 2010 |
| Xuereb Bros | 9 302 668 | 30/06/10 | 3,688.17 | Knis Gunju 2010 |
| Roccu Mifsud | 62 | 28/06/10 | 886.66 | Public Conveniences Gunju 2010 |
| Wilson Mifsud | n/a | 25/06/10 | 1,504.16 | Tindif Soft Areas Gunju 2010 |
| Philip Seguna | n/a | 25/06/10 | 1,908.32 | Tindif Non Urban Gunju 2010 |
| Best Print | 6806 | 08/06/10 | 997.50 | Fuljett - Harga Festa |
| Med Design | 30003556 | 25/02/10 | 2,135.18 | Architect Fees - survey for PPP project |
| Raymond Calleja | various | various | 5,465.14 | patching works and pavements |
| | | | | |
| **Total Skeda A** | | | **24,252.66** | |
| | | | | |
| **Skeda B - Hlasijiet ohra** | | | | |
| | | | | |
| Schembri Infrastructures | 20055-37 | 29/01/10 | 10,000.00 | First Installment on Triq Tumas Dingli |
| Philip Seguna | n/a | 18/06/10 | 1,695.00 | Tindif extra z-zona tal-Handaq u Cimiterju |
| Philip Farrugia | 6808 | 19/05/10 | 236.00 | Service of Loading and transport of generators |
| Steve's Silencer Service | 1221 | 01/06/10 | 151.04 | Iron works and frames |
| P. Cutajar Ltd | 507256 | 25/05/10 | 150.00 | Coffee Machine |
| Kazin Banda San Filep | 8052001 | 13/05/10 | 1,165.00 | NightFest participation & decorations |
| 12th May Band & Social Club | n/a | n/a | 1,165.00 | NightFest participation & decorations |
| Kazin San Guzepp | n/a | n/a | 1,165.00 | NightFest participation & decorations |
| Allwoods & Steel | n/a | 01/06/10 | 35.17 | Iron |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Polidano Brothers Ltd | 643 | 04/03/10 | 4,307.96 | Excavation works near Infetti playground |
| Union Print Co. Ltd | AI2592 | 31/05/10 | 891.86 | Adverts NightFest |
| WasteServ Malta Ltd | 62640 | 09/06/10 | 5,694.90 | Tipping fees April 2010 |
| Guard & Warden | 2107 | 31/05/10 | 943.83 | Monitoring Fees CCTV pjazza May 2010 |
| Guard & Warden | 2106 | 31/05/10 | 2,333.05 | Speed Cameras May 2010 |
| Pers Electronics | 9062010 | 09/06/10 | 94.40 | Signs festa |
| Central Joint Committee | CJC283 | 31/05/10 | 4,539.89 | Tribunal Services May 2010 |
| Media Today Co Ltd | 10160 | 02/05/10 | 424.80 | Adverts NightFest |
| Media.Link Communications | 43661 | 31/05/10 | 725.35 | Adverts NightFest |
| Industrial Projects & Services Ltd | 2482 | 15/06/10 | 1,938.62 | Overtime Bernard Buhagiar March - May 2010 |
| La Barbon Dolceria | 5 056 220 | 17/06/10 | 108.00 | Catering Laqgha Anzjani |
| Joseph Vella | various | 28/05/10 | 1,400.00 | Injam ghal Bankijiet |
| Pointer Pet Shop | various | various | 604.45 | Pots and Plants |
| Lakoom | 79 | 06/04/10 | 86.72 | Frame |
| Qamha Group | n/a | 09/11/09 | 80.00 | Zfin Jum Haz-Zebbug |
| | | | | |
| **Total Skeda B** | | | **39,936.04** | |
| | | | | |
| **Total zewg skedi** | | | **64,188.70** | |

4.2. IL-Kunsillier Rosario Cortis gibed l-attenzjoni li certu hlasijiet kuntrattwali kienu mnizlin fi skeda B u vici-versa.

4.3. Il-Kunsillier Emanuel Agius gibed l-attenzjoni fuq il-pagament ghal tindif extra li sar mill-kuntrattur Philip Seguna. Is-Sindku spjega n-nautra ta' dan ix-xoghol u qal li dan inghata extra peress li qabel dawn iz-zoni ma kienux jaqaw that il-konfini tal-lokali, kif ukoll xi tindif li sar fic-cimiterju mill-Kunsill fil-parti pubblika tac-cimiterju.

4.4. Il-Kunsillier Rosario Cortis gibed l-attenzjoni fuq il-bzonn li meta l-Kunsill ikun ghaddej bil-progett tal-Public Private Partnership ikollu works manager li jissorvelja l-operat gurnata b' gurnata.

4.5. Il-Kunsillier Rosario Cortis talab iktar informazzjoni dwar il-pagament ta' Polidano u Wasteserv. Is-Sindku spjega li l-pagament ta' Polidano kien relatat ma xi xoghol li sar hdejn il-ground sabiex l-ilma tal-ground jintefa fil-giebja li hemm u li dan ix-xoghol kien sar fi zmien l-ex-sindku Brian Bonnici u kien hemm l-approvazzjoni tal-Kunsill. Filwaqt li l-pagamenti tal-Wasteserv kien minhabba t-tipping fees. Is-Sindku nnota li dawn il-pagamenti kienu minhabba li ghalkemm il-Kunsill kien qieghed jaghmel l-almu kollu tieghu sabiex jingabar inqas skart, in-nies kienet imdorrija f' kultura ta' egoizmu u kulhadd ihammeg bl-addocc.

4.6. Il-Kunsillier Rosario Cortis gibed l-attenzjoni fuq il-pagament tal-Qamha group u qal li ma kienx lest li jkompli jhallas ghal pagamenti ta' xoghol imqabbad minn ta' qablu. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li mhux dejjem

huwa possibli li l-pagamenti jsiru mal-ewwel kif jigu u certu pagamenti inqas importanti jibqaw lura.

4.7. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex tigi approvata l-iskeda tal-pagamenti hekk kif prezentata. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Emanuel Agius, George Cortis, Rosario Cortis u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

L-iskeda tal-pagamenti giet approvata. (49)

4.8. Il-Kunsillier Mario Borg talab li jkun skuzat. Huwa telaq fit-8.40pm.

## 5. LAQGHA MAL-ONOREVOLI JASON AZZOPARDI U ONOR CHRIS SAID DWAR IL-MONTI (RAPPORT)

5.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li din il-laqgha giet imsejha miz-Zebbug Business Association u matul din il-laqgha gew diskussi mal-Onorevoli Azzopardi u l-Onorevoli Said il-problemi ezistenti rigward il-monti. Is-Sindku spjega wkoll li matul din il-laqgha l-Kunsill ipprezenta l-proposta tieghu ghal Gnien l-Infetti liema proposta ghandha l-appogg tal-Onorevoli Said. Is-Sindku spjega li l-pjan huwa li l-Kunsill flimkien maz-Zebbug Rangers jizviluppaw l-area tal-gnien u tal-ground tal-5 a-side u jithaffru 5 sulari fejn issir giebja u parkegg taht l-art filwaqt li jsir spazju apposta fejn jigi rilokat il-monti.

5.2. Is-Sindku spjega li dan kollu kien se jsir permezz ta' Public Private Partnership u l-Kunsill ma jonfoq xejn minhabba li l-izviluppatur li jidhol ghall-progett jinghata c-cans li jirkupra l-investiment tieghu minn fuq il-parkegg. Il-Kunsillier Rosario Cortis qal li dan kien progett tajjeb hafna jekk il-klabb tal-football kien lest li jikkopera. Is-Sindku spjega li kellu bzonn decizjoni ta' Kunsill sabiex jikteb formalment liz-Zebbbug Rangers halli jressaq il-proposta tal-progett lilhom, liema proposta diga bidet tigi diskussa maghhom f' laqgha li saret qabel il-laqgha tal-Kunsill.

5.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-kunsill jikteb formalment liz-Zebbug Rangers fuq il-progett tal-parkegg taht l-art. Huwa gie sekondat mill-Kunsilllier Rosario Cortis. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Emanuel Agius, George Cortis, Rosario Cortis u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-Mozzjoni giet approvata b' mod unanimu. (50)

## 6. PROGETT TA' GNIEN L-INFETTI (RAPPORT)

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li dan l-item gie diskuss mal-punt ta' qabel.

## 7. PROGETT PUBLIC PRIVATE PARTENERSHIP (RAPPORT)

7.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li fuq dan il-progett b' kollox l-ammont ta' toroq inkluzi kien dak ta' madwar 40 triq u l-Kunsill kien qieghed jistenna l-approvazzjoni tad-Dipartiment sabiex jinbeda l-process ta' tenders.

## 8. KORSIJIET GHAL-GENITURI BI TFAL B' DIFFIKULTAJIET FIT-TGHALIM

8.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li dwar is-suggett kien hemm skambju ta' emails mas-sinjura Janet Hili u huwa kien talabha proposta dettaljata ghas-sett ta' korsijiet li kien imiss.

8.2. Il-Kunsillier Duncan Bartolo talab li jkun jaf jekk il-Learning Support Assistants li ha jintuzaw kienux kwalifikati jew le.

8.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq proposta sabiex il-Kunsill jaqbel fil-principju li jghin f' dawn il-korsijiet bil-kundizzjoni li l-LSA's u Childminders ikunu kwalifikati. Kien hemm qbil dwar dan.

## 9. HWEJJEG OHRA JEKK MEQJUSA IMPORTANTI

9.1. Il-Kunsillier Philip Said informa lill-Kunsill li kellu laqgha mal-Onor. Peter Micallef fejn giet diskussa l-idea li jsir programm ta' attivitajiet fuq numru ta' granet li jippromwovu s-sahha. L-idea kienet li ssir kampanja fl-iskejjel, laqgha pubblika u xi mixja tal-okkazjoni flimkien ma prattici ohra bhal-kejl ta' pressjoni u affarijiet simili. Kien hemm qbil li din l-idea ssir fil-weekend ta' qabel Jum Haz-Zebbug.

## 10. AGGORNAMENT

10.1 Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 5 ta’ Awissu fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fl-9.40pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |